MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1607/2003

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fi-drittijiet tal-assikurat taghha J&C Dispensaries Limited u l-istess J&C Dispensaries Limited**

**vs**

**Manolito Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf, mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm1238.42) rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru KAK 306 fis-27 ta’ Novembru 2002 fil-limiti tal-Mghatab habat mal-vettura JAC 697 propjeta’ ta’ J&C Dispensaries Limited u misjuqa minn Maria Teresa Bartolo u kkaguna danni f;din

l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li huwa kien negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ ittra legali datata 27 ta’ Marzu 2003 u ta’ ittra ufficjlali ohra prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati billi l-konvenut ma jahtix ghall-incident de quo.
2. Illi bla pregudizzju d-danni huma esagerati.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 321, PC233, Adrian Chetcuti, Maria Teresa Bartolo u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Novembru 2002, fi Triq is-Salini, Naxxar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAC 697 misjuqa minn Maria Teresa Bartolo u propjeta’ tas-socjeta’ attrici J&C Dispensaries Limited u assikurata taht polza tat-tip Comprehensive mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAK 306 misjuqa mill-konvenut.

Maria Teresa Bartolo, is-sewwieqa tal-vettura assikurata mas-socjeta’ attrici, xehdet li fid-data tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAC 697 gejja mid-direzzjoni tal-Maghtab u tiela’ t-telgha T’Alla u Ommu u sejra fid-direzzjoni tan-Naxxar. Malli qabdet il-parti d-dritta tat-triq Bartolo tghid li rat il-vettura tal-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta u kontra l-One Way, hija waqfet u pruvat tigbed lejn ix-xellug u titla’ fuq il-bankina sabiex tevita l-vettura tal-konvenut izda ma

rnexxilhiex peress li l-bankina kient gholja u ghalhekk gara li l-vettura tal-konvenut baqghet diehla fiha. Din ix-xhud spjegat ukoll li fiz-zmien tal-incident il-karreggjata ghat-traffiku niezel lejn is-Salini kienet maghluqa u kienet ilha hekk maghluqa ghal erba’ xhur. Hija esebiet ritratti tas-senjaletika li kien hemm fit-triq u spjegat ukoll li kien hemm slabs kbar li kienu jindikaw lit-traffiku niezel minn T’Alla u Ommu minn fejn kellu jghaddi u tispjega li dan it-traffiku bilfors kellu jdur lejn Burmarrad ghaliex altrimenti kien ikun niezel kontra l-One Way.

Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAK 306  gej minn San Pawl tat-Targa u sejjer lejn Bugibba. Huwa jghid li kienu qed isiru x xoghlijiet fit-triq izda ma kien hemm xejn fin-nofs tat-triq u li kien hemm vetturi ohra quddiemu u baqa’ jsegwi lil dawn il-vetturi. Meta huwa kien kwazi nizel it-Telgha T’Alla u Ommu kollha u kwazi wasal is-Salini ra l-vettura ta’ quddiemu tipprocedi b’velocita’ mhux hazin u ra vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta bid-dawl mixghul. Il-konvenut spjega li huwa pretenda li dawn il-vetturi kienu ser ihalluh jghaddi “meta fil-hin u l-mument rajt vettura gejja min-naha tal-Mghatab b’velocita’ qawwija hafna” u huwa ghalhekk resaq, waqaf u beda jteptep id-dawl izda din il-vettura baqghet diehla fih. Il-konvenut issotni li kien hemm Stop Sign minn fejn kienet harget Bartolo izda jghid ukoll li din il-vettura kienet il-boghod minnu mhux hazin meta raha l-ewwel darba – “kienet boghod minni li tatni cans nitfa’ mal-genb tat-triq”.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident sehh fil-parti d-dritta tat-triq u l-Istop Sign li jaghmel referenza ghaliha l-konvenut, jekk verament tezisti, hija ghal kollox irrilevanti in kwantu jirrigwarda d-dinamika tal-incident de quo. Iz-zewg partijiet it-tnejn qeghdin isostnu li huma kienu wieqfin fil-mument li sehh l-impatt u li waqfu ghaliex raw lill-parti l-ohra tipprocedi fd-direzzjoni taghhom. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni tal-konvenut m’hijiex ghal kollox kredibbli ghaliex wiehed difficilment jifhem x’gara mill-karozzi li allegatament kienu qed jipprocedu quddiemu fl-istess direzzjoni tieghu, u cioe’ kollha kontra l-One Way. It-

Tribunal jistaqsi kif setghu dawn il-vetturi baqghu ghaddejjin minn dik il-parti tat-triq b'karreggjata wahda biss minghajr ma habtu mal-vettura ta' Bartolo jew mal-vetturi l-ohra li, dejjem skond il-konvenut, kienu gejjin mid-direzzjoni opposta. It-Tribunal huwa hafna aktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija minn Bartolo anki ghaliex il-verzjoni taghha hija korroboata mill-iskizz u mill-hsarat fiz-zewg vetturi. Inoltre t–Tribunal jirritjeni li dak li xehed il-konvenut dwar il-veturi gejjin mid-drezzjoni oposta fejn huwa qal li pretenda li dawn i-vetturi kienu ser ihalluh jghaddi, jindika li huwa kien qed jassumi li kellu xi forma ta' dritta li jibqa' jipprocedi u dan nonostante li kien ghaddej kontra l-One Way.

In kwantu jirrigwarda din l-ahhar kwistjoni, l-avukat difensur tal-konvenut waqt it-trattazzzjoni finali irrikonoxxa li l-konvenut kien miexi kontra l-One Way izda rritjena wkoll li dan kellu skuzanti fis-ens li ma kienx hem senjeletika adegwata. Huwa minnu li mir-rapport tal-Pulizizja jirrizulta li s-senjeletika ma kienitx illuminata izda rrizulta wkoll mill-provi li tali senjeletika kienet ben vizibbli ghal sewwieq prudenti u inoltre rrizulta li t-triq kienet ilha maghluga ghat-traffiku niezel minn San Pawl Tat-Targa ghal madwar erba' xhur u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien neglligenti fis-sewqan tieghu meta ma ndunax li kien qed jipprocedi kontra l-One Way. It-Tribunal jidhirlu wkoll l dan il-fatt, u cioe' li l-konvenut kien qed isuq kontra l-Ome Way, kienet il-kawza prossima tal-incident u li ghalhekk l-istess konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.

Il-konvenut eccepixxa wkoll li d-danni reklamati mill-aturi huma esagerati. L-atturi esebew l-ircevuti kollha relattivi ghall-hsarat minnhom reklamati, liema hsarat jidhru li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo u l-konvneut naqas milli jressaq provi ntizi sabiex isostnu l-eccezzjoni tieghu rigwardanti l-entita' tad-danni reklamati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' elf, mitejn u tmienja u tletin

lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm1238.42), bl-imghax pagabbli mid-daata tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Kap.104 kontestwalment mal-Avvoiz, ghandhom jigu sopportati nterament mil-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------